



Brussell, 12 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14990/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0246(COD)

PECHE 547
CODEC 1755

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' limiti tal-kapaċità għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, il-ġbir ta' data u l-miżuri ta' kontroll fil-Baħar Baltiku, u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward tal-waqfien permanenti għall-flotot li jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant - Approċċ Ġenerali

1. Fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, bl-għan li temenda l-Pjan Pluriennali għall-Baħar Baltiku¹ u r-regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)², b'mod partikolari biex tippermetti li l-waqfien permanenti jintuża għall-iskrappjar ta' bastimenti li jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Il-proposta tressqet mill-Kummissjoni wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill f'Ottubru biex jingħalaq is-sajd tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u biex jitnaqqas b'mod sinifikanti sajd ieħor marbut mal-bakkaljaw.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd iddiskuta l-proposta fis-7 ta' Novembru 2019 u fl-14 ta' Novembru 2019.

¹ Regolament (UE) 2016/1139

² Regolament (UE) 508/2014

3. Abbażi tad-diskussjoni li saret fil-Grupp ta' Ħidma u l-kummenti bil-miktub tad-delegazzjonijiet, il-Presidenza ressqet proposta ta' kompromess inizjali fit-22 ta' Novembru 2019, u kompromessi riveduti sussegwenti fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2019.
4. Fid-dawl ta' kummenti addizzjonali bil-miktub mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ressqet kompromess finali tal-Presidenza fil-5 ta' Diċembru 2019, li jinsab fid-dokument 14802/19. Dan il-kompromess għandu l-għan li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta oriġinali biex jiġu inklużi żewġ stokkijiet oħra, il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u l-aringi tal-Baltiku tal-Punent, sabiex il-bastimenti li jistadu għal dawn iż-żewġ stokkijiet japplikaw għal waqfien permanenti. Il-kompromess tal-Presidenza għandu wkoll l-intenzjoni li jissimplifika l-proposta tal-Kummissjoni billi jneħħi l-piż amministrattiv u l-miżuri ta' kontroll addizzjonali.
5. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-5 ta' Diċembru 2019, filwaqt li baqgħu jqajmu diversi kwistjonijiet speċifiċi, maġġoranza tal-Istati Membri Baltiċi (DE, DK, EE, LT, PL, SE) esprimew il-fehmiet pożittivi tagħhom dwar il-kompromess tal-Presidenza. Filwaqt li rrikonoxxiet bidliet pożittivi għall-proposta tal-Kummissjoni, LV sejħet għall-aġġustament tal-kompromess tal-Presidenza biex jinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali biex jingħata appoġġ aħjar lis-settur. Maġġoranza ta' delegazzjonijiet appoġġaw il-proposta riveduta tal-Presidenza.
6. DK daħħlet riżervi parlamentari u ta' skrutinju, u AT daħħlet riżerva ta' skrutinju.
7. Il-Kummissjoni ddikjarat li ma tkunx f'pożizzjoni li tappoġġa l-kompromess.
8. Fil-11 ta' Diċembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-kompromess finali tal-Presidenza kif jinsab fid-dokument 14802/19. Filwaqt li maġġoranza ta' delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-kompromess, żewġ delegazzjonijiet (LT, LV) indikaw li l-kompromess jista' jittejjeb, b'mod partikolari biex tiżdied il-flessibbiltà għal waqfien temporanju. LV iddikjarat li f'dan l-istadju ma setgħetx tagħti appoġġ sħiħ għall-kompromess. AT ħabbret il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-laqgħa³. Il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha.

³ Ara d-dok. 14990/19 ADD 1

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-appoġġ tiegħu għall-kompromess finali tal-Presidenza u qabel li jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni ta' Approċċ Ġenerali fis-sessjoni tiegħu tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2019.
 10. Għaldaqstant il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar l-approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14802/19 bil-ħsieb li jinbdew negozjati mal-Parlament Ewropew.
-